MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 3/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Steven Zahra**

Kaz Numru: 3/2013

Illum 24 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Steven Zahra**, ta’ erbgha u erbghin (44) sena, iben Joseph u Mary Ann neé Azzopardi, imwieled il-Kanada, nhar it-8 ta’ Settembru 1968, residenti fil-fond numru 45, ‘Memories’, Triq Sant’Indrija, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 512786(M), akkuzat talli nhar il-21

ta’ Ottubru 2012 ghall-habta tas-sitta neqsin ghaxra ta’ filghodu (5.50hrs) gewwa l-Knisja ta’ Sannat, Ghawdex li tinsab fi Pjazza Santa Margerita, Sannat, Ghawdex, kif ukoll fl-istess Pjazza Santa Margerita, Sannat, Ghawdex:

1. ma halliex li ssir jew fixkel funzjoni, cerimonja, jew servizz religjuz tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana jew ta’ religjon ohra tollerata mil-ligi, liema funzjoni saru bil-ghajnuna ta’ ministru tar-religjon jew f’lok ta’ qima jew f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi kliem, b’gesti, b’kitba jew b’xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-Religjon ta’ Malta, inkella offenda r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta’ din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta’ devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta’ din ir-religjon;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni;

4. talli sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “D” – *a fol.* 29).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u dana qabel giet registrata ammissjoni da parti tal-

imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha li tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat u l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (li ma jistghax jinghad li kienet wahda bikrija pero fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jidderigi hajtu fuq il-binarju t-tajjeb). Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti cans lill-imputat jirriforma hajtu u tinformah li f'kaz li ma jiehux dan ic-cans ikun hemm konsegwenzi serji.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 163, 165(1) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Steven Zahra hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Steven Zahra taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Steven Zahra bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Steven Zahra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------